**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**14 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 35/2019**

**Jacqueline Deguara**

**Vs**

1. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**
2. **L-Avukat Generali**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Jacqueline Deguara** ipprezentat fid-9 ta' April 2019 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

***"Preliminari***

*Illi l-esponenti applikat ghal licenzja ta' Gwardjan Privat izda permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2019 il-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta tali applikazzjoni ai termini ta' l-Art. 10(a)(i) u 10(a)(v) u 10(b) tal-Kap 389;*

***Ragunijiet ghal Appell***

*Illi ai termini ta' l-Art. 11(3) ir-rikorrenti qieghhed jinterponi tali appell minhabba s-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament jinkombi fuq l-intimat li jispjega b'mod dettaljat kif wasal ghad decizjoni tieghu ai termini ta' l-Art 10(a)(i) u 10(a)(v) u 10(b) tal-Kap 389, u r-rikorrenti qed tirriserva minn issa li tirrispondi wara tali spjegazzjoni;*

2. *Illi mhux minnu li d-decizjoni ta' l-intimat hija fl-interess pubbliku li tigi rifjuta dik il-liċenza. L-esponenti hija persuna li ghandha dizabilita u minkejja dan xorta wahda qed taghmel l-ahjar taghha biex tahdem;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas suespost, ir-rikorrenti hija persuna li tghix hajja tajba u m'ghandhux affarijiet li jipprekluduha milli tinghata licenzja ta' Gwardjan Privat kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni;*

*Ghal dawn il-motivi, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2019 u jordna lill-istess intimat sabiex tinħareġ il-liċenza favur ir-rikorrenti fi zmien qasir."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 3 ta' Mejju 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent Avukat Generali jecepixxi illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Infatti l-Avukat Generali ma ha l-ebda decizjoni fir-rigward ta' hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat stante illi din il-mansjoni tispetta lill-Kummissarju tal-Pulizija;*

2. *Illi l-ittra tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija tal-21 ta' Marzu 2019 (hawn annessa u mmarkata bhala **DOK 'COP 1')** fejn hemm indikat b'mod car illi r-rifjut tal-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat hija ibbazata ai termini tal-artikoli 10 (a) (i), 10 (a) (v) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-attrici wettqet delitt kontra l-propjeta' aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) kif wkoll wettqet delitt kontra l-peruna jew kontra l-propjeta' fl-ahhar hames snin minn meta saret l-applikazzjoni u dan skont sentenzi mohgtija fil-konfront taghha mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali senjatament "Il-Pulizija (Spettur Charles Demicoli) vs. Jacqueline Deguara" deciza fit-18 ta' Jannar 1991 (dwar serq, fost akkuzi ohra) u "Il-**Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs. Jacqueline Deguara"** deciza fis-16 ta' Settembru 2015 (dwar serq). Ghaldaqstant l-esponent Kummissarju tal-Pulizija informa b'mod car u bil-miktub il-bazi ta' decizjoni;*

3. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mil-attrici fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 10 (a) (i), 10(a) (v) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.*

4. *Illi mill-qari ta' l-artikolu jingħad illi Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda jimponi obbligu fuq il-Kummissarju li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389 u dan b'differenza li kieku r-rifjut ingħata fuq il-bazi ta` l-interess pubbliku waħdu (ai termini tas-subartikolu 10(b) tal-Kapitolu 389), fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni.*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nsabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli.*

6. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi xejn mhu minnu li 'l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat fic-cahda tal-licenzja tar-rikorrenti'.*

7. *Illi in vista tas-succitati sentenzi, li l-maġġor parti tagħhom huma relattivament riċenti u abbazi taghhom l-attrici kienet recidiva, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta l-applikazzjoni fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

8. *Illi l-esponent jirrileva li l-Kummissarju tal-Pulizija f'tali ċirkostanza għandu jeżerċita l-obbligi tiegħu b'diskrezzjoni u tali persuna li hija fdata b'diskrezzjoni bħal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha twettaq id-deċiżjoni tagħha b'mod raġjonevoli, b'ekwita, ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Fil-każ odjern l-esponent jisħaq illi huwa, permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu, għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali. Iżda ġialadarba hemm sentenzi kontra l-attrici, il-Kummissarju tal-Pulizija kellu dmir jevalwa l-applikazzjoni tal-licenzja ta' gwardjan privat in vista tal-istess sentenzi.*

9. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jixtieq jieħu l-okkazjoni li jsemmi żewġ sentenzi li fihom dan l-Onorabbli Tribunal apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi biex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. L-attrici ghandha tirrikonoxxi illi l-liċenzja li applika għaliha, iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità, peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika, u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet "***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija***", deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

   *"It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta` dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta` Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta` licenza ta` Gwardjan Privat......*

   *B'hekk ghalkemm ir-Rikorrent certament ma huwhiex ta` xi minacca ghas-socjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess Rikorrent kellu jinghata licenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` gid ghalih u ghas-socjeta`. Konsegwentement ghalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent."*

10. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe`* <u>mhux biss</u> *b'rabta ma` xi biża` illi l-applikant tista` tkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali biss.*

11. *Illi għal darba oħra, fis-sentenza fl-ismijiet "**Daniel Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija**", deciza fil-11 ta` Gunju 2012, intqal illi:*

    *"Kif gustament osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija waqt it-trattazzjoni tal-kaz is-servizzi ta` gwardjani privati skont kif jirrizultaw mill-Artikolu [2] tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta, huma tali li ma jistax jigi permess li persuna li agixxiet bil-mod kif ghamel ir-Rikorrent ikollha licenza ta` Gwardjan Privat. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa korrett meta jqis li r-Rikorrent ma ghandux karattru sod bizzejjed u ma huwhiex sufficjentement affidabbli biex jigi permess lilu jahdem bhala Gwardjan Privat."*

12. *Fic-cirkostanza ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta li jgedded il-licenza ta` Gwardjan Privat tal-attrici in bazi ghall-interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.*

13. *Illi minkejja li l-attrici ma ingħatatx il-liċenzja ta' gwardjan dan ma jfissirx li l-istess attrici hija prekluż li tagħmel kull tip ta' xogħol ieħor; dan jfisser biss illi ma tistax jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi l-attrici hija kwalifikata għalih u kapaċi tagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lill-attrici milli tagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni taghha ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-Liġi.*

14. *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lill-attrici fid-dawl tar-reati kommessi u fl-aħjar interess pubbliku.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti qiegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tal-attrici fl-interita' tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess attrici."*

Ra li l-**Avukat Generali** debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta;

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassitha aggravata b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilha permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2019 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Naghmel referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat.*

*Ghandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tigi rrifjutata peress illi jirrizulta li inti:*

*Wettaqt delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329,37), wettaqt delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta' fl-ahhar hames snin minn meta saret l-applikazzjoni, u fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikoli 10(a)(i), 10(a)(v) u 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Ligijiet ta' Malta), u dan skont sentenzi moghtija fil-konfront tieghek mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:*
*i. Nhar it-18 ta' Jannar 1991 dwar serq, fost akkuzi ohra;*
*ii. Nhar is-16 ta' Settembru 2015 dwar serq."*

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija applikat biex tahdem bhala *security*. Stqarret illi hija ghandha dizabilita` u li x-xoghol ta' fattiga li kienet taghmel qabel ma tistghax taghmlu iktar peress li fih hafna strapazz.

**L-Ispettur Sarah Magri**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet illi meta sar il-*vetting* min-naha taghhom fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rikorrenti rrizulta illi r-rikorrent kienet instabet hatja ta' serq f'zewg okkazjonijiet separati. Hija esebiet il-fedina penali tar-rikorrenti u zewg sentenzi fil-konfront taghha.[1]

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi permezz ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datati 18 ta' Jannar 1991 u 16 ta' Settembru 2015, ir-rikorrent gie misjub hati tar-reat ta' serq aggravat. Ghal dawn ir-reati, fiz-zewg istanzi, ir-rikorrenti giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Illi mid-decizjoni appellata u esebita a fol. 13 jirrizulta illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet rifjutata abbazi ta' artikolu 10 (a) (i) u (v) u wkoll 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta li jghidu s-segwenti:

*"10. Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew*

*(v) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt;*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

[1] Ara fol. 34 sa fol46

Illi mis-sentenzi esebiti jirrizulta illi permezz tas-sentenza datata 18 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent instabet hatja ta' serq aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Kwindi l-Kummissarju intimat ma seta' jezercita l-ebda diskrezzjoni fir-rigward tal-ghoti tal-licenzja u ried jimxi mal-ligi, u cioe` ma' artikolu 10 (a) (i) u johrog ir-rifjut. Fir-rigward tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2015, jirrizulta illi din, apparti li titratta serq aggravat bil-valur li pero` ma jeccedix elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ir-reat gie kommess fis-26 ta' Dicembru 2014 u kwindi ma kinux ghadhom ghaddew hames snin mill-kommissjoni tar-reat u kwindi l-Kummissarju intimat lanqas f'dan il-kaz ma seta' jezercita xi diskrezzjoni ai termini tal-artikolu 10 (a) (v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jifdal biss jigi ezaminat jekk it-tielet raguni li ta l-Kummissarju intimat ghar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna kinitx wahda ragjonevoli o meno. It-tielet raguni hija msejsa fuq artikolu 10 (b) tal-Kapitlu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-Kummissarju intimat hass li ma kienx fl-interess pubbliku li tinghata l-licenzja in kwistjoni. Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti, ghalkemm fi spazju ta' hafna snin, wettqet l-istess reat u kwindi, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, dan huwa preokkupanti, izjed u izjed meta wiehed iqis li fost is-servizzi li jista' joffri gwardjan privat hemm hafna servizzi relatati ma' protezzjoni ta' proprjeta` u prevenzjoni ta' serq.

It-Tribunal, ghalhekk, wara li ha in konsiderazzjoni s-sentenzi fil-konfront tar-rikorrenti huwa tal-opinjoni illi l-Kummissarju intimat kien gust u ragjonevoli fid-decizjoni tieghu meta uza d-diskrezzjoni tieghu biex jikkawtela l-interess pubbliku. Persuna li taspira li taqdi dmirha bhala gwardjan privat trid tkun ta' ezempju ghac-cittadini li jaraw fiha persuna li qieghda hemm biex tipprotegihom u zzomm l-ordni. Ir-reati mwettqa mir-rikorrenti, anke meta wiehed iqis li wara hafna snin hija regghet ikkommettiet reat kontra l-proprjeta`, jirrenduha mhux idonea, ghallinqas ghalissa, li tkun f'data li tezercita s-servizzi li jistghu jigu offruti minn gwardjan privat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jifhem u japprezza li r-rikorrenti tista' qieghda ghaddejja minn perjodu difficli fil-hajja, ma jsibx illi l-Kummissarju intimat b'xi mod seta' jilqa' l-applikazzjoni taghha ghal-licenzja ta' gwardjan privat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**